5 ta' Ottubru, 1955

**Imħallef:**

Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Joseph Barbara**

*versus*

Wisq Reverendu Professur Don Carmelo Sant, D.D. ne.

**Servizzi — Preskrizzjoni — Ġurament — Interruzzjoni — Eżekutur Testamentarju — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 781 tal-Proċedura Ċivili, u art. 2261(f) u 2265 tal-Kodiċi Ċivili**

*Apparti l-fatt li l-eżekutur testamentarju, in kwantu għall-mansjonijiet lilu attribwiti fit-tavoli testamentarji, jista' jmexxi azzjonijiet tal-eredità u jikkontesta leġittimament f'ġudizzju pretensjonijiet kontra tagħha, in kwantu għall-kawżi involventi krediti*

*mhux likwidi u kontestati, u f'każi rigwardanti l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tad-decujus, l-istess proċeduri ġudizzjarji għandhom jiġu dedotti in kontestazzjoni tal-eredi, jew tal-ereditá jekk din tkun ġjaċenti; għax l-eżekuturi testamentarji ma jistgħux jikkontestaw każi simili, anki jekk ikollhom il-fakoltá li jħallsu d-djun, u hekk jibgħu jiffunġu l-uffiċċju tagħhom, anki bħala amministraturi, sakemm issir il-likwidazzjoni u diviżjoni, bi kwalunkwe fakoltá opportuna u meħtieġa li solitament tingħata lilhom.*

*Dana, pero', ma jfissirx li, meta fil-kawża jkunu ġew fl-istess hin imħarrkin l-eredi u l-eżekutur testamentarju, dan l-aħħar imsemmi għandu jiġi bilfors maħruġ jew liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; għax jista' jagħti l-każ li jkollu nteress li jkun fil-kawża. Hekk, f'kawża għall-ħlas ta' serviġi prestati lid-decujus, il-ħlas irid isir minnu, u jkun dmir tiegħu, f'każ ta' eżitu feliċi għall-attur, bil-fakoltá li għandu skond it-testment, li jħallsu qabel ma jikkonsenja l-flus tal-ereditá lill-eredi.*

*L-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi hija preskrivibbli f'ħames snin, li bħala preskrizzjoni brevi hija, mhux biss preżuntiva tal-pagament, imma anki ta' ineżistenza tal-obligazzjoni, in relazzjoni għall-formola tal-ġurament kontenuti fil-liġi; u l-ġurament li jiġi deferit lil min jeċċepixxi dik il-preskrizzjoni mhux intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma hu biss mezz biex jiddistruġġiha.*

*Meta, mbgħad, min jeċċepixxi dik il-preskrizzjoni mhux fil-pożizzjoni li jipprésta dak il-ġurament (bħal ma huwa kuratur), jiġi jonqos il-mezz biex tiġi distrutta l-preskrizzjoni, u din tibqa' ħajja u għandha jkollha l-effetti tagħha.*

*Fil-każ ta' serviġi jew somministrazzjonijiet oħra, hemm lok għall-prekrizzjoni avvolja jkun hemm kontinwitá tagħhom; u meta tiġi mogħtija l-preskrizzjoni, u l-attur ma jistax jiddeferixxi dak il-ġurament, jibqagħlu biss ir-rimedju li jipprova l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti opportuni, peress li l-attur, bħala driver, b'inkarigu tal-imsemmi Saċerdot Michele Vella, u bil-"light car" privata ta' dan, kien joħroġ lill-imsemmi Saċerdot Vella għall-perijodu minn Mejju 1947 sa Gunju 1954, daqqa kuljum u daqqa b'intervalli, u kien jaħsillu l-"light car"

ta' spiss, u okkażjonalment anki jsewwihielu, kif dettaljatament speċifikat fl-anness prospett "A", mingħajr ma dan l-imsemmi Saċerdot Don Michele Vella qatt ħallas xejn lill-attur in kumpens ta' dawn is-serviġi; u peress li l-imsemmi Saċerdot Don Michele Vella miet fit-2 ta' Diċembru 1954 b'testment magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tal-4 ta' Diċembru 1951, li in forza tiegħu ħalla bħala eżekutur testamentarju lill-konvenut Professur Don Carmelo Sant, u eredi tiegħu lill-prelodata Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, dedikata lis-Santissima Annunzjata (dok. B); u peress li l-attur interpella bosta drabi, anki per mezz ta' ittra uffiċjali tas-6 ta' Lulju 1955, lill-konvenut fil-premessa kwalità sabiex iħallsu somma adegwata in kumpens tas-serviġi fuq imsemmija, iżda inutilment; talab li l-konvenuti fil-premessa kwalità jiġu kundannati li jħallsu lill-attur dik is-somma li għandha tiġi likwidata, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti esperti, in kumpens u bħala ħlas tas-serviġi mill-istess attur reżi kif fuq intqal. Bil-lukri legali minn notifika ta' dan l-att sal-pagament totali u effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti fil-premessa kwalità, inklużi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali tas-6 ta' Lulju 1955;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel ma għandha tiġi nvestita hija l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Don Carmelo Sant, li ġie mħarrek fil-kwalità tiegħu ta' eżekutur testamentarju meta ġew imħarrka anki l-eredi;

Illi huwa tajjeb li jinżamm preżenti l-fatt, qabel xejn, li d-decujus fit-testment tiegħu tal-4 ta' Diċembru 1951, in atti John Spiteri Maempel, fl-artikolu 8 ddispona li, wara l-mewt tiegħu, l-assi ereditarju minnu mħolli kellu jiġi likwidat u konvertit fi flus kontanti a kura tal-eżekutur testamentarju maħtur minnu (il-konvenut eċċipjenti), u li, wara li jiġu mħallsa u soddisfatti l-legati mħollija u li jitħallsu d-djun li talvolta setgħu jirriżultaw kontra tiegħu, fl-bilanċ li seta' jibqa' kellu jiġi konsegwit mill-Knisja

*Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, li huwa għajjat u nnomina bħala eredi tiegħu universali, bl-intelliġenza msemmija fl-istess att tal-aħħar volontà, li għall-finijiet ta' din il-kawża ma tinteressaniex; u fl-art. 10 tal-istess tavoli testamentarji nnomina bħala eżekutur testamentarju u amministratur tal-assi ereditarju tiegħu, sad-diviżjoni u likwidazzjoni, lill-eċċipjenti, u taħ dawk il-fakultajiet kollha li soltu jingħataw lil simili eżekuturi testamentarji, kompriża l-fakoltà li jkun jista' jbiegħ u jillikwida l-assi kollu mingħajr awtorizzazzjoni ta' ħadd;*

Illi l-eċċezzjoni sollevata tammonta għal dik ta' illeġittimità tal-persuna li hija mdaħħla taħt l-art. 781 tal-Kap. 15, fejn huwa maħsub meta wieħed, sew attur sew konvenut, huwa inkapaċi skond il-liġi biex jogqħod f'kawża, jew inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal daqshekk;

Illi, apparti l-fatt li l-eżekutur testamentarju, in kwantu għall-mansjonijiet lilu attribwiti fit-tavoli testamentarji, jista' jmexxi azzjonijiet tal-eredità u jikkontesta leġittimament f'ġudizzju pretensjonijiet kontra tagħha (ara Appell 22 ta' April 1932 "Azzopardi vs. Dottor Alfredo Fabri nomine", u 13 ta' Jannar 1933 "Zammit vs. P.L. Giuseppe Mangion nomine et." (Vol. XXVIII, P.I., p. 738), inkwantu għall-kawżi involventi krediti mhux likwidi u kontestati (ara Prim'Awla Ċivili 8 ta' Frar 1936, "Borg vs. Delia et.", Vol. XXIX, P. II, p. 970, u Prim'Awla 29 ta' Novembru, 1945, "Briffa nomine vs. Attard et.", Vol. XXXII, P. II, p. 176), u f'kawżi rigwardanti likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi tad-deucjus (ara Prim'Awla Ċivili 9 ta' April 1943 "Avukat N. Delia vs. Alfredo Delia nomine", Vol. XXXI, P. II, p. 112), l-istess preċeduri ġudizzjarji għandhom jiġu dedotti in kontestazzjoni tal-eredi, jew l-eredità, jekk tkun ġjaċenti; għaliex l-eżekuturi testamentarji ma jistgħux jikkontestaw kawżi simili, anki jekk ikollhom il-fakoltà li jħallsu d-djun u jekk jibqgħu jiffunġu l-uffiċċju tagħhom, anki bħala amministraturi, sa ma ssir il-likwidazzjoni u diviżjoni bi kwa-

lunkwe fakoltà opportuna u meħtieġa li solitament tingħata lilhom;

Illi jingħad, però, li dan ma jfisserx li, meta fil-kawża jkunu ġew fl-istess ħin imħarrka l-eredi u l-eżekutur testamentarju, dan l-aħħar imsemmi għandu jiġi tabilfors maħruġ jew liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; għar-raġuni li huwa jista' jkollu nteress, kif jidher li għandu l-eċċipjenti f'dana l-proċess. Infatti, kif jidher mill-istess liġi, hemm konnessjoni intima ta' l-eżekutur ma' l-eredità (ara art. 809, 811, 813 tal-Kap. 15, u art. 809 Kap. 23); u fil-fatt, fil-każ in diżamina, il-ħlas tal-meritu tal-kawża odjerna jrid isir minnu, għaliex bil-fakoltà li għandu, li jista' ibiegħ u jillikwida l-assi kollu sa ma ssir id-diviżjoni u likwidazzjoni, imħollija fit-testment (art. 10), ikun dmir tiegħu, f'każ ta' eżitu feliċi ta' l-atturi li jħallsu qabel ma jikkunsinna l-flus lill-eredi; l-għaliex dak il-ħlas jifforma parti mill-likwidazzjoni lilu affidata;

Illi, fl-aħħarnett, jingħad li fil-kawża fuq imsemmija tad-29 ta' Novembru 1945, "Dr. Briffa nomine vs. Attard". u dik tad-9 ta' April, 1943 in re "Dr. Nicolò Delia vs. Alfredo Delia nomine" it-talbiet biex l-eżekutur jiġi liberat ġew fiż-żewġ kawżi miċħuda għal raġunijiet bħal dawk li ntqalu fuq; u fl-aħħar sentenza msemmija, non ostante li l-Qorti ddikjarat li l-kawża setgħet issir mingħajru, żammitu fil-kawża mal-eredi. Fil-kawża tat-8 ta' Frar 1936 in re "Borg vs. Delia" u dik ta' l-Appell tat-13 ta' Jannar, 1933, in re "Zammit vs. P.L. Mangion nomine et.", fl-ewwel waħda ġiet kjamata in kawża l-eredità tad-decujus, u fit-tieni waħda ġiet revokata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, u l-attijiet ġew rinvijati lil dik il-Qorti sabiex jiġu msejħa fil-kawża l-eredi, u l-istess kawża tkun fill-kontestazzjoni tagħhom trattata u deċiża, bla ma ġew liberati l-eżekuturi testamentarji rispettivament hemm imsemmija;

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-konvenut Don Carmelo Sant nomine ma tistax, taħt iċ-ċirkustanzi tal-liġi u tal-fatt, tiġi intrattenuta favorevolment; u konsegwentement tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra dak il-konvenut nomine;

Illi, riżolut il-pont fuq imsemmi, huwa dmir din il-Qorti tgħaddi sabiex tirsolvi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut Rev. Don Antonio Rapa nomine;

Illi l-eċċipjenti l-ewwel ta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar, u qal li, f'każ li l-istess ma tiġix akkolta, iġib il-quddiem il-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Illi l-ewwel preskrizzjoni fuq imsemmija tidħol taħt l-art. 2253, u l-oħra taħt l-art. 2261, tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, fil-każ in diżamina, jistgħu biss ikunu applikabbli s-subinċiżi (a) u (d) ta' l-ewwel artikolu msemmi, u l-inċiż (f) tat-tieni artikolu menzjonat; l-għaliex l-inċiżi l-oħra taż-żewġ artikoli huma biċ-ċar inapplikabbli, u fejn il-kelma tal-liġi hija ċara m'hemmx lok għal ebda interpretazzjoni għall-applikazzjoni tagħha;

Illi l-inċiż (d) ta' l-art. 2253 Kodiċi Ċivili huwa wkoll inapplikabbli għall-azzjoni "de qua agitur", għaliex bejn l-attur u d-decujus ma kienx jeżisti ebda kuntratt salarjat. L-inċiż (a) lanqas ma huwa applikabbli; l-għaliex l-attur mhux mestjerant, u ċjoè ħajjat, skarpan, mastrudaxxa, bennej, bajjad, ħaddied, arġentier, jew jeżerċita xi arti mekkanika bħala sengħa, u l-attur mhux qiegħed jitlob prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet li jitnisslu minn dawk is-snajja, jew ta' xi materjal li ffornixxa in konsegwenza ta' xi wieħed minn dawk il-mestjeri; u kwindi dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ, u dina l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda a spejjeż ta' l-eċċipjenti;

Illi, dwar l-inċiż (f) ta' l-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili, jingħad li taħtu jidħlu krediti mhux speċifikati, bħal ma huma prestazzjonijiet avventizji, u bħal ma hija l-azzjoni esperita mill-attur, li qiegħed jitlob kumpens dovut mhux "jure actionis", imma "officio judicis", meta, għalkemm ma jkunx hemm pattwit kumpens, però jkunu allegati li jikkonkorru konġetturi li minnhom jista' jitnissel li l-intenzjoni ta' min jippresta s-serviġi kienet li jikkonsegwixxi dak il-kumpens li jkun qiegħed jippretendi li jiġi likwidat;

Illi li azzjoni simili hija preskrivibbli f'ħames snin jgħiduh ħafna sentenzi tal-Qrati Tagħna (ara, fost oħrajn,

Appell "Gauci vs. Camilleri", 24 ta' Jannar, 1919; Appell "Mifsud vs. Saliba" ta' l-10 ta' Novembru, 1922; Prim'Awla Civili "Bondin vs. Mifsud", 12 ta' Gunju, 1901, konfermata mill-Appell fit-3 ta' Marzu, 1902; u ħafna oħrajn);

Illi l-preskrizzjonijiet brevi (bħal ma hija dik ta' ħames snin) mhumiex biss preżuntivi tal-pagament, imma anki ta ineżistenza ta' obligazzjoni, in relazzjoni għall-formuli tal-ġurament kontenuti fl-art. 2265 tal-Kodiċi Civili, kif ġie deċiż mill-Appell presjedut minn Sir Adrian Dingli fis-27 ta' Marzu, 1885, in re "Luigi Pace Bonello, P.L. vs. Elvira Bugeja Caruana et." (Vol. X, p. 773 u ta' wara). Jingħad wkoll illi l-ġurament li jiġi deferit lil min jagħti l-preskrizzjoni mill-attur, jekk hekk jagħżel li jagħmel, u jista' jagħmel, ma huwiex intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma huwa mezz biss biex jirrespinġiha (ara Prim'Awla Ċivili 8 ta' Jannar, 1920, Vol. XXIV, P.II, p. 97). Meta mbagħad il-persuna, jew persuni, li jġibu l-quddiem il-preskrizzjoni mhumiex in grado li jipprestaw il-ġurament (kuraturi jew, bħal fil-każ in kwistjoni, il-konvenut Rapa nomine, li ma jistax "di scienza propria" sew jafferma kemm jinnega), jiġi jonqos lill-attur il-mezz biex jiddistruġġiha; imma l-preżunzjoni tal-ħlas tibqa' ħajja, u l-preskrizzjoni għandha jkollha l-effett tagħha (ara Appell 22 ta' Frar, 1892, "Calleja vs. Mangion ne.", Vol. XIII, paġ. 112, presjedut minn Sir Adrian Dingli; u Prim'Awla Ċivili 25 ta' Novembru, 1931, "Saċ. Grixti vs. Dr. Galea ne.", Vol. XXVIII, P. II, p. 172; Prim'Awla Ċivili 10 ta' Ottubru, 1935, "Arċipriet Don Paċifiku Mifsud vs. Dr. Giuseppe Mifsud Speranza"; u sentenzi oħra);

Illi jingħad ukoll li hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra avvolja jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom; u l-Qrati Tagħna applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwità ta' serviġi (ara Appell 4 ta' Gunju, 1948, "Giovanna Caruana vs. Salvino Scicluna", Vol. XXXIII, P. I, paġ. 285);

Illi l-attur, di fronti għal dina d-difiża jista' biss jipprova l-interruzzjoni. Il-fatt li jgħid li kien wiegħdu l-ħlas, bla ma speċifika data, huwa dubbjuż. Jidher li huwa, qabel ma aġixxa fis-6 ta' Lulju, 1955, kien interpella b'ittra

ufficjali lill-konvenuti; dik l-ittra ġiet notifikata lill-konvenuti nomine fis-7 ta' Lulju, 1955, u kwindi b'dak l-att huwa jista' jingħad li kkonserva, jekk u kwante volte għandu, id-dritt tiegħu għall-kumpens ta' l-aħħar ħames snin mill-jum tan-notifika lilhom; mingħajr ma jintnesa li d-decujus ġie nieqes fit-2 ta' Diċembru, 1954;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin mill-jum 7 ta' Lulju, 1950 lil hemm; bl-ispejjeż ta' dan l-inċident għall-istess attur.

---